

Brussell, 31 ta' Awwissu 2026  
(OR. en)

12076/26  
PV CONS 49  
AGRI 609  
PECHE 302  
*PARLNAT*

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
**(Agrikoltura u Sajd)**  
13 ta' Lulju 2026

## 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 10449/26 + COR 1.

## 2. Approvazzjoni tal-punti "A"

### a) Lista mhux leġiżlattiva 11670/26

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

### b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika 11671/26 f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

## Agrikoltura u Sajd

### 1. Regolament li jemenda l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK u r-regolamenti orizzontali fir-rigward tal-fertilizzanti



11393/26 + ADD 1  
PE-CONS 43/26  
AGRI  
AGRIFIN

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

*Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE*

approvat mill-KSA, fis-06.07.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE). Il-Kunsill iddeċieda wkoll li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE.

Dikjarazzjoni mis-Slovakkja tinsab fl-Anness.

## Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija

2. **Deċiżjoni li l-Awstrija tingħata s-setgħa li temenda l-ftehim bilaterali eżistenti tagħha dwar it-trasport bit-triq mal-Iżvizzera bil-għan li tawtorizza l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ waqt l-ġħoti ta' servizzi tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank**



11391/26  
PE-CONS 37/26  
TRANS  
CH

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-08.07.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 91 TFUE).

3. **Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru**



11389/26  
+ ADD 1-2  
PE-CONS 39/1/26  
REV 1  
AVIATION  
CONSOM

*Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-08.07.2026

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fit-tielet qari u l-att propost ġie adottat skont l-Artikolu 294(13) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 102(2) TFUE), bi Spanja u l-Latvja jivvutaw kontra u l-Awstrija u l-Finlandja jastjenu.

Id-dikjarazzjonijiet mil-Latvja, Franza, il-Portugall, u l-Awstrija jinsabu fl-Anness.

## AGRIKOLTURA & SAJD

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. **Programm ta' ħidma tal-Presidenza**  
*Preżentazzjoni mill-Presidenza*



Il-President ippreżenta l-Programm ta' Ħidma tal-Presidenza Irlandiża dwar is-setturi tal-Agrikoltura u s-Sajd.

## AGRIKOLTURA

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

4. **Strateġija tal-UE għall-Bhejjem u Strateġija dwar il-Proteini**  
*Preżentazzjoni mill-Kummissjoni*  
*Skambju ta' fehmiet*



11527/26  
11376/26 + ADD 1  
11410/26

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u mill-Presidenza. Huwa kellu wkoll skambju ta' fehmiet.

5. **Nisa fl-agrikoltura**  
*Skambju ta' fehmiet*



11334/1/26 REV 1

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet.

6. **Kwistjonijiet agrikoli marbuta mal-kummerċ**  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*  
*Skambju ta' fehmiet*

11373/26

### Affarijiet oħra

7. **Agrikoltura**

- a) **Il-feġġa tal-ħanfusa tal-fraxxnu Asjatika (*Agrilus planipennis*) fl-Ungerija**  
*Informazzjoni mill-Ungerija*



11619/26

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija u tal-kummenti tad-delegazzjonijiet.

- b) Abbozz ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2027 għall-politika ta' promozzjoni tal-UE għall-prodotti agroalimentari**  
*Informazzjoni mill-Italja*



11598/26
- c) Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Grupp ta' Visegrad u l-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija dwar il-ġestjoni effettiva ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi agrikola fil-qafas tal-PAK u fil-kuntest usa'**  
*Informazzjoni mill-Ungerija, il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja*



11605/26
- d) Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Grupp ta' Visegrad u l-Kroazja u r-Rumanija dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-bijoekonomija u l-indirizzar tal-avvenimenti ta' temp estrem**  
*Informazzjoni mill-Ungerija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja*



11604/26

Il-punti 7 b), c) u d) ġew indirizzati flimkien.

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Italja dwar l-abbozz ta' Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2027 għall-politika ta' promozzjoni tal-UE għall-prodotti agroalimentari, appoġġata miċ-Ċekja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja. Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni pprovduta mill-Ungerija dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Grupp ta' Visegrad u l-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija dwar il-ġestjoni effettiva ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi agrikola fil-qafas tal-PAK u fil-kuntest usa', f'isem il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Kroazja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija.

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-informazzjoni prevista mill-Ungerija dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Agrikoltura tal-Grupp ta' Visegrad u l-Kroazja u r-Rumanija dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-bijoekonomija u l-indirizzar ta' temp estrem f'isem il-Kroazja, iċ-Ċekja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija. Huwa ħa nota tal-kummenti li saru mid-delegazzjonijiet għall-punti kollha.

- 
- ❶ L-ewwel qari
  - ❸ It-Tielet qari
  - ❷ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (l-Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
  - Ⓒ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "A" li jinsabu fid-dokument 11671/26**

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 1:**

**Regolament li jemenda l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK u r-regolamenti orizzontali fir-rigward tal-fertilizzanti**

*Adozzjoni tal-att leġislattiv*

*Deċiżjoni li ssir deroga mill-perjodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE*

**DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA**

"Is-Slovakkja tappoġġa l-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rigward ta' tip speċifiku ta' intervent biex jiġi pprovdut appoġġ temporanju eċċezzjonali skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u l-possibbiltà li jiġu adattati l-allokazzjonijiet tal-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2027 u r-Regolament (UE) 2021/2116 fir-rigward ta' regoli aktar flessibbli dwar il-pagamenti bil-quddiem b'reazzjoni għaż-żieda fil-prezzijiet tal-fertilizzanti minħabba l-kriżi tal-Lvant Nofsani.

Fl-istess waqt, is-Slovakkja tilqa' emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1173, speċifikament l-Artikolu 7(1), li tagħti lill-Istati Membri aktar flessibbiltà biex isiru pagamenti antiċipati billi tagħti lok għal deroga mill-iskadenza jew billi tippermetti li l-pagament antiċipat isir mingħajr limitu ta' żmien fir-rigward tal-emendar jew l-irtirar ta' applikazzjoni, dment li l-Istat Membru jkollu sistema ta' ġestjoni u kontroll effettiva fis-seħħ, inkluż mekkaniżmi għall-irkupru ta' ammonti imħallsa bi żball."

**Dwar il-punt "A"**  
**nru 3:**

**Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru**

*Adozzjoni tal-att leġislattiv*

**DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA**

"Il-Latvja tappoġġa bis-sħiħ l-oġettiv li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-passiġġieri u tilqa' l-isforzi sinifikanti li saru biex jintlaħaq compromess ibbilanċjat dwar din il-proposta. Fl-istess ħin, il-Latvja tibqa' mħassba li ċerti elementi tat-test maqbul jistgħu joħolqu piżijiet finanzjarji u amministrattivi sproporzjonati għall-kumpaniji tal-ajru, b'konsegwenzi potenzjali għall-prezzijiet tal-biljetti u l-konnettività bl-ajru. Dan it-tħassib huwa partikolarment rilevanti għall-Istati Membri periferiċi bħal-Latvja, fejn l-avjazzjoni għandha rwol vitali fl-iżgurar tal-mobbiltà, l-iżvilupp ekonomiku u l-koeżjoni territorjali.

Il-Latvja tinnota wkoll bi tħassib it-tneħħija ta' dispożizzjonijiet li kienu jipprovdu ċertezza legali akbar rigward deċiżjonijiet operazzjonali meħuda fl-interess tas-sikurezza tal-avjazzjoni u tibqa' kawta dwar l-impatt kumulattiv ta' obbligi ġodda fuq il-konnettività reġjonali f'ambjent ekonomiku u ġeopolitiku diġà diffiċli. Filwaqt li tirrikonoxxi l-progress ġenerali miksub fin-negozjati u tappoġġa l-oġġettiv tat-tiżiħ tad-drittijiet tal-passiġġieri, il-Latvja tqis li l-proposta ta' kompromess attwali ma tasalx għal riżultat bbilanċjat biżżejjed bejn il-protezzjoni tal-passiġġieri u l-konnettività bl-ajru. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Latvja ma tistax tappoġġa l-proposta ta' kompromess li qed tiġi proposta. Madankollu, il-Latvja tibqa' impenjata għal involviment kostruttiv fl-isforzi futuri biex jiġu żgurati kemm drittijiet tal-passiġġieri b'saħħithom kif ukoll konnettività bl-ajru sostenibbli madwar l-Unjoni Ewropea."

## **DIKJARAZZJONI MINN FRANZA**

"Franza tappoġġa l-kompromess propost, li huwa pass 'il quddiem għad-drittijiet tal-passiġġieri, billi jipprovdi aktar ċarezza legali, jikkonsolida l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jsaħħaħ l-effettività tad-drittijiet tal-passiġġieri.

Madankollu, Franza jiddispijaċiha li ċerti proposti ta' interess ġenerali ma ġewx aċċettati, b'mod partikolari dawk immirati biex jipprovdu qafas aħjar għall-intervent ta' intermedjarji fit-trattament tal-ilmenti. Franza tibqa' konvinta li għandha tingħata preferenza lil relazzjoni diretta bejn il-kumpanija u l-passiġġier, b'mod partikolari billi jiġi ffavorit il-ħlas ta' kumpens lill-benefiċjarju, sabiex jiġu limitati l-prattiki abbużivi ta' ċerti intermedjarji u biex jiġi żgurat li d-drittijiet rikonoxxuti mil-leġiżlatur Ewropew ikunu ta' benefiċċju sħiħ għall-passiġġieri.

Soġġett għal dawn ir-riżervi, Franza tappoġġa dan ir-Regolament."

## **DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL**

"Il-Portugall jirringrazzja lill-Presidenza Ċiprijotta u l-predeċessuri tagħha għall-ħidma tagħhom fin-negozjati dwar ir-reviżjoni tar-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru u fil-kuntatti tagħhom mal-Parlament Ewropew.

Il-Portugall dejjem argumenta li kwalunkwe reviżjoni tar-Regolament għandha mhux biss tissimplifika l-implimentazzjoni, iżda wkoll tippreserva u/jew issaħħaħ id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru, biex il-passiġġieri jkomplu jibbenefikaw mill-protezzjoni li tistabbilixxi l-istandard għal reġjuni oħra tad-dinja.

Fit-tmiem ta' dan il-proċess ta' negozjar fit-tul, konna nistennew reviżjoni aktar ambizzjuża f'termini ta' simplifikazzjoni tal-applikazzjoni tar-Regolament, b'bilanċ aktar favorevoli mil-huq bejn l-għan u l-fattibbiltà tiegħu, u li tidentifika u tidistribwixxi r-responsabbiltajiet ta' kull wieħed mill-partijiet ikkonċernati tal-avjazzjoni, bil-għan li jkun żgurat trasport bl-ajru ġenwinament sostenibbli.

Insostnu li ċerti sitwazzjonijiet għandhom diġà jkunu kklassifikati bħala ċirkostanzi eċċezzjonali, jiġifieri l-mewt jew il-mard f'salt ta' membri tal-ekwipaġġ waqt li jkunu qed jaħdmu barra mill-bażi tagħhom, nuqqasijiet fis-sikurezza, qtugħ tal-elettriku fuq skala kbira fl-ajruporti, u l-interferenza frekwenti mid-droni fl-ajruporti. Jiddispijaċina li l-ftehim ma jinkludix dawn l-elementi.

Madankollu, fi spirtu ta' kompromess u filwaqt li nirrikonoxxu d-diffikultà fin-negozjati, il-Portugall qed jivvota favur il-proposta biex l-aspetti pożittivi tar-reviżjoni jkunu jistgħu jidħlu fis-seħħ u jtejb u r-reġim ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-passiġġieri.

Nappellaw li jsiru sforzi fl-istituzzjonijiet multilaterali biex ikun żgurat li dan ir-reġim ta' protezzjoni tal-passiġġieri jkun jista' jiġi estiż globalment, biex b'hekk jinħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn il-linji tal-ajru tal-UE u kumpaniji minn reġjuni oħra, għall-benefiċċju tal-avjazzjoni globali."

## **DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA**

"Għall-Awstrija, żvilupp ibbilanċjat tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 (ir-Regolament dwar id-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru) huwa importanti biex ikun żgurat kemm livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi kif ukoll il-vijabbiltà ekonomika u l-kompetittività tal-avjazzjoni Ewropea.

L-Awstrija għalhekk tappoġġa l-oġettivi fundamentali tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea biex jiġi rivedut ir-Regolament dwar id-Drittijiet tal-Passiġġieri tal-Ajru.

Għandu jiġi nnutat li, fl-opinjoni tal-Awstrija, it-test ta' kompromess iwassal għal deterjorament tal-pożizzjoni legali attwali f'għadd ta' oqsma ewlenin.

Fl-aħħarnett, l-Awstrija tirrimarka li t-test iqajjem bosta dubji ta' interpretazzjoni ġodda. L-Awstrija għalhekk tastjeni."

---